



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15374/23

LIMITE

CORLX 1041
CFSP/PESC 1537
CSDP/PSDC 773
CIVCOM 273

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515 li
tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515
li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 42(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1515¹.
- (2) Il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) espanda l-attivitajiet tiegħu b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin u jospita għadd akbar ta' esperti nazzjonali ssekondati miegħu mill-Istati Membri, wara bosta talbiet għal attivitajiet ġodda ta' taħriġ u edukazzjoni.
- (3) Il-KESD jeħtieġ li jsaħħaħ l-istruttura ta' appoġġ amministrattiv tiegħu kif xieraq, inkluż sabiex jiżgura aktar operazzjonalizzazzjoni tiegħu sabiex jilħaq l-oġettivi tiegħu.
- (4) Jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1515 tad-19 ta' Ottubru 2020 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2382 (ĠU L 348, 20.10.2020, p. 1).

Artikolu 1

L-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1515 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 16

Kontribuzzjoni mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea

1. Il-KESD għandu jirċievi kontribuzzjoni annwali jew pluriennali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Dik il-kontribuzzjoni tista' tkopri, b'mod partikolari, l-ispejjeż ta':
 - (a) l-appoġġ għall-attivitajiet ta' taħriġ u edukazzjoni;
 - (b) esperti nazzjonali ssekondati mill-Istati Membri mal-KESD;
 - (c) sa erba' membri tal-persunal kuntrattwali impjegati mill-KESD jew issekondati mis-SEAE mal-KESD, fuq talba tal-Kap tal-KESD u soġġett għall-approvazzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-KESD; għall-fini tal-issekondar tiegħu lill-KESD, il-persunal kuntrattwali ssekondat mis-SEAE għandu jkun impjegat skont il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68.
2. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa tal-KESD matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 għandu jkun ta' EUR 2 933 304,01.

3. L-ammont ta' referenza finanzjarja biex ikopri n-nefqa tal-KESD għal perjodi sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.
4. Wara d-deċiżjoni mill-Kunsill imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, għandu jiġi konkluż ftehim ta' finanzjament bejn il-KESD u l-Kummissjoni."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
